Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 176/2015

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carmine di Cicco (KI 30718A) u l-istess Carmine Cicco**

**Vs**

**David Farrugia**

26 ta' Jannar, 2018.

1. B'sentenza tas-27 ta' April, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' seba' mitt ewro (€700), danni li ghamel fuq il-vettura LCN 352.

2. Fit-13 ta' Mejju, 2016 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' €700 danni li l-konvenut kien kundannat ihallas. Fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta:

   *"Illi fix-xhieda illi ta PS436, Charles De Giorgio ighid 'Jien inzilt mas-surgent 1330 u rajna karozza tat-tip Freelander LCN 352 li kienet wieqfa fil-gemb tat-triq li kellu l-hgiega tal-passiggier imkissra'. Ikompli jghid illi, 'jien bhala hsarat fil-Freelander innutajt il-hgiega tal-passiggier imkissra u rajt xi hgieg mal-art.*

   *Skont il-konvenut appellanti t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni zbajata meta ddecieda illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur l-ammont ta' €700"*.

3. L-appellati ma pprezentawx twegiba.

4. Fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2018 saret trattazzjoni. Id-difensur tal-atturi sostniet li l-appell kien null peress li l-aggravju tal-appellant ma kienx jinkwadra ruhu f'wiehed mill-kazijiet li jissemmew fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

5. Il-qorti qrat l-atti.

6. L-ammont in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta' €1,500 u ghaldaqstant il-jedd ta' appell kien limitat ghal dawk il-kazijiet li jissemmew fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Skont dik id-deposizzjoni, hemm dritt ta' appell ukoll *"(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u* ***tal-ekwita skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella****"*.

Il-principju hu li m'hemmx appell minn punt ta' fatt fejn il-kwistjoni tkun, bhal f'dan il-kaz, ma taqbiz is-somma €1,500.

7. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li s-somma ta' seba' mitt euro (€700) tkopri d-danni li jirrigwardaw in-naha tal-passiggier u sejjer, prevja li jilqa' t-tielet eccezzjoni tieghu, jikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-Atturi. It-Tribunal iqis li b'hekk ikun qieghed jirrizolvi din il-kwistjoni anke ggwidat mill-ekwita li hija l-bazi li fuqha hu msejjes l-operat ta' dan it-Tribunal".*

8. Il-qorti tosserva:

i. It-Tribunal iddetermina li, *"Minn dak li stqarrew il-Pulizija, il-partijiet donnhom qeghdin jaqblu li l-kommozzjoni sehhet fejn il-vettura tal-Attur fuq in-naha tal-passiggier. Bir-rispett kollu, kieku kien minnu li gara xi haga fuq in-naha tal-Attur, dan il-fatt kien jinghad lill-Pulizija a tempo vergine".*

ii. M'hemmx kontestazzjoni li fl-incident inkisret il-hgiega. Jidher ukoll li nkisret *side mirror* tan-naha tal-passiggier. Tant hu hekk li kien il-konvenut stess li talab ghal stima taghha (ara korrispondenza a fol. 65-68).

iii. Jirrizulta li l-prezz ghax-xiri tal-imsemmija oggetti kien €413.76 (ara *invoice* ta' Mizzi Automotive Services Ltd a fol. 9). Ovvjament dan ma jinkludix l-ispejjez tal-*mano d'opera*.

iv. Ghalkemm l-istima li nghata l-konvenut (fol. 65) hi nqas mill-prezzijiet li jissemmew fil-kont mahrug minn Mizzi Automotive Services Ltd (fol. 9), wiehed irid jiftakar li l-istima nghatat sentejn wara. Ghalhekk hu mistenni li jkun hemm diskrepanza fil-prezzijiet.

v. Fir-*road accident report* li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz, jinghad li meta l-pulizija marru fil-post tal-incident sabet vettura LCN 352 wieqfa *"bil-hgiega tal-passiggier imkissra"*. Pero' PS436 Charles de Giorgio xehed, *"Nghid li jien bhala hsarat fil-Freelander innutajt il-hgiega tal-passiggier imkissra u rajt xi hgieg mal-art.* ***<u>Ma tajtx kaz</u> jekk kienx hemm hsara ohra****"*, filwaqt li PS1330 Alexander Schembri xehed, *"Il-hsarat fuq il-vettura Land Rover* ***jidhirli*** *li kienu fuq in-naha tax-xellug,* ***il-bumper ta' quddiem, il-hgiega tal-passiggier****"* (fol. 32).

vi. Mill-provi ma jirrizultax li t-Tribunal kellu bilfors jasal ghal konkluzjoni li l-hsara li ghaliha kien responsabbli l-konvenut kienet biss hgiega mkissra. It-Tribunal stess accetta li apparti l-hgiega, *"fil-kommozzjoni setghu graw hsarat ohra. Indipendentement mill-fatt jekk l-attur intervjenix qabel jew wara l-konvenut kisser il-hgiega tan-naha tal-passiggier, il-punt jibqa' li l-konvenut ikkaguna xi danni meta mar*

*hdejn il-vettura tal-Attur, li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb"*. Mill-provi rrizulta li apparti l-hgiega, fil-bieba tal-passiggier saret hsara ohra.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet m'hemmx bazi biex din il-qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-likwidazzjoni tad-danni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.